32002L0004

L 30/44 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 31.1.2002

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/4/KE

tat-30 ta' Jannar 2002

fuq ir-reġistrazzjoni tan-negozji stabbiliti tat-trobbija tat-tiġieġ li jbidu, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi *standards* minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ li jbidu [1], u b'mod partikolari Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 1999/74/KE tistabbilixxi *standards* speċifiċi għall-protezzjoni tat-tiġieġ li jbidu f'sistemi differenti ta' trobbija u tawtorizza lill-Istati Membri biex jagħżlu l-aħjar sistema jew sistemi.

(2) Artikolu 7 tad-Direttiva 1999/74/KE jesiġi li kull impriża stabbilita li taqa' taħt din id-Direttiva għandha tkun reġistrata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru u mogħtija numru distintiv, li jippermetti li jiġu traċċati l-bajd imdaħħla fis-suq għall-konsum uman.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq ċerti *standards* għall-*marketing* tal-bajd [2], kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 5/2001 [3], jagħmilha obbligatorja li jsir l-ittimbrar tal-bajd b'kodiċi li jindika n-numru distintiv tal-produttur u li jippermetti l-identifikazzjoni tal-metodu tat-trobbija.

(4) Il-metodi tat-trobbija huma definiti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 1274/91 tal-15 ta' Mejju 1991 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 1907/90 fuq ċerti *standards* għall-*marketing* tal-bajd [4], kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1651/2001 [5], u wkoll bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 fuq il-produzzjoni organika tal-prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għaliha fuq il-prodotti agrikoli u l-affarijiet ta' l-ikel [6], kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2491/2001 [7], safejn il-produzzjoni organika hija konċernata.

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' l-impriżi stabbiliti taħt numri distintivi hija kundizzjoni biex ikunu traċċati l-bajd imdaħħal fis-suq għall-konsum uman.

(6) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri:

(a) għandhom jistabbilixxu sistema għar-reġistrazzjoni ta' kull sit ta' produzzjoni (minn issa ' l quddiem impriża) koperta mill-iskop tad-Direttiva 1999/74/KE u jallokawlha numru distintiv in konformità ma' l-Anness ghal din id-Direttiva;

(b) għandhom jassiguraw li għal kull impriża stabbilita ta' dan it-tip għall-inqas l-informazzjoni preżentata f'punt 1 ta' l-Anness tinghata lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, sad-data magħżula mill-Istat Membru; din id-data ghandha tkun b'tali mod li tagħti biżżejjed żmien ghar-reġistrazzjoni ta' dawk l-impriżi stabbiliti skond punt (ċ);

(c) ghandhom jassiguraw li kull impriża li ghaliha l-informazzjoni meħtieġa hija mogħtija sad-data magħżula skond punt (b) hija reġistrata u allokata numru distintiv sal-31 ta' Mejju 2003.

2. L-Istati Membri ghandhom jistipulaw li, mill-1 ta' Ġunju 2003

(a) l-ebda impriża stabbilita li ghaliha l-informazzjoni meħtieġa skond il-paragrafu 1 (b) ma ngħatatx sad-data magħżula f'punt (b) ma tkun tista' tkompli tiġi użata;

(b) l-ebda impriża ġdida ma tkun tista' tintuża qabel ma titlesta r-reġistrazzjoni u ma tirċievi n-numru distintiv.

3. L-Istati Membri ghandhom jassiguraw li r-reġistru tan-negozji stabbiliti stabbilit skond paragrafu 1 huwa aċċessibbli ghall-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru biex jiġu traċċjati il-bajd imdaħħal fis-suq ghall-konsum uman.

4. L-Istati Membri ghandhom jassiguraw li bidliet li jikkonċernaw l-informazzjoni reġistrata jkunu mgħarrfa lill-awtorità kompetenti bla dewmien u li r-reġistru jkun aġġornat mill-ewwel malli tasal din l-informazzjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri ghandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispisizzjonijiet amministrattivi biex ikun hemm qbil ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Marzu 2003. Dawn ghandhom jikkomunikaw mill-ewwel it-test ta' dawk il-disposizzjonijiet lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 53.
[2] ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.
[3] ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 1.
[4] ĠU L 121, tas-16.5.1991, p. 11.
[5] ĠU L 220, tal-15.8.2001, p. 5.
[6] ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
[7] ĠU L 337, ta' l-20.12.2001, p. 9.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċidu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Jannar 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/74/KE għandhom japplikaw fejn ikun hemm bżonn.

1. INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAR-REĠISTRAZZJONI

Għal kull impriża għall-inqas l-informazzjoni li ġejja għandhom tkun reġistrata:

— Impriża:
  — l-isem ta' l-impriża,
  — l-indirizz,
— persuna responsabbli mit-tiġieġ li jbidu (minn issa ' l qudiem: "il-gwardjan"):
  — l-isem,
  — l-indirizz,
  — in-numru(i) ta' reġistrazzjoni ta' impriża(i) oħra li jaqgħu taħt id-Direttiva 1999/74/KE mmexxija mill-gwardjan jew proprjetà tiegħu,
— sid ta' l-impriża, jekk ma jkunx il-gwardjan:
  — l-isem,
  — l-indirizz,
  — in-numru(i) ta' reġistrazzjoni ta' impriża(i) oħra li jaqgħu taħt id-Direttiva 1999/74/KE mmexxija mis-sid jew proprjetà tiegħu,
— informazzjoni oħra dwar l-impriża:
  — il-metodu(i) tat-trobbija skond id-definizzjonijiet imsemmija f'punt 2.1,
  — il-kobor massimu ta' l-impriża stabbilit f'numru ta' tjur preżenti fl-istess ħin; jekk metodi differenti tat-trobbija huma użati, indika n-numru massimu ta' tjur preżenti fl-istess ħin għal kull metodu tat-trobbija.

2. NUMRU DISTINTIV

In-numru distintiv għandu jkun magħmul minn numru li jindika x'inhu l-metodu tat-trobbija ddeterminat skond punt 2.1 segwit mill-kodiċi ta' l-Istat Membru skond punt 2.2 u minn numru ta' identifikazzjoni ddefinit mill-Istat Membru li fih tinsab l-impriża.

2.1. **Kodiċi għall-metodu tat-trobbija**

Il-metodi tat-trobbija kif iddefiniti fir-Regolament (KEE) Nru. 1274/91 kif ġie emendat użati fl-impriża għandhom ikunu indikati bil-kodiċi li ġej:

1 fil-beraħ

2 f'razzett

3 fil-gaġeġ

Il-metodu tat-trobbija użat f' impriżi li jipproduċu skond il-kundizzjonijiet speċifikati fir-Regolament (KEE) Nru. 2092/91 għandu jkun indikat kif ġej:

0 Produzzjoni organika

2.2. **Kodiċi għall-Istat Membru tar-reġistrazzjoni**

AT l-Awstrija
BE il-Belġju
DE il-Ġermanja
DK id-Danimarka
ES Spanja
FI il-Fillandja
FR Franza
GR il-Greċja
IE l-Irlanda
IT l-Italja
LU il-Lussumburgu
NL l-Olanda
PT il-Portugall
SE l-Isvezja
UK ir-Renju Unit

2.3. **Identifikazzjoni ta' l-impriża**

Kull Stat Membru għandu jimplimenta sistema biex jattribwixxi numru uniku lil kull impriża li għandha tiġi rreġistrata, li jista' jintuża ukoll għal finijiet oħra minbarra għal dawk ta' din id-Direttiva, bil-kundizzjoni li l-identifikazzjoni ta' l-impriża tkun żgurata.

L-Istati Membri jistgħu jżidu ittri, numri jew simboli oħra man-numru ta' identifikazzjoni, biex tkun tista' tiġi identifikata kull qatgħa miżmuma f'bini differenti ta' l-istess impriża.